**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/054 |
| **Allegazzjoni:** | Għemil ta' xogħol privat ta' konsulenza da parti ta' Segretarju Parlamentari |
| **Ilmentatur:** | Il-Professur Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilment:** | 30 ta' Ottubru 2023 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 14 ta' Novembru 2024 |

**L-Ilment**

1. Fit-30 ta' Ottubru 2023, il-Prof. Arnold Cassola (l-Ilmentatur) kiteb lil dan l-Uffiċċju biex jitlob investigazzjoni tal-Onor. Dr Andy Ellul, Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. L-Ilmentatur qal:

> *Il-Kodiċi ta' Etika Ministerjali jipprojbixxi li Ministri u Segretarji Parlamentari jagħmlu xogħol ieħor għajr dak marbut mal-funzjoni istituzzjonali tagħhom. Iridu jaħdmu full time u esklussivament bħala membri tal-Eżekuttiv.*
>
> *Mir-risposta għall-Mistoqsija Parlamentari 11465 tal-25 ta' Settembru 2023 joħroġ li l-Kumpanija Lex Group Ltd ingħatat konsulenza mill-Fondazzjoni Ċentru Kreattività ta' 800 ewro fix-xahar, minn Jannar sa Diċembru 2023.*
>
> *Is-sid ta' din il-Kumpannija huwa l-Avukat Andy Ellul, illum Segretarju Parlamentari full time.*
>
> *Dan il-kuntratt ingħata meta l-On. Ellul kien diġà fil-kariga ta' Segretarju Parlamentari, fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.*

*Jidhirli li l-għoti u l-aċċettazzjoni ta' din il-konsulenza da parti tad-ditta legali ta' proprjetà tas-Segretarju Parlamentari Ellul tikkostitwixxi ksur serju ta' etika min-naħa tal-On. Ellul u tikkonferma l-klima ta' impunità li ormaj rabbiet l-għeruq fost il-klassi diriġenti politika ta' pajjiżna.*

*Nitolbok għalhekk tinvestiga l-imġiba tal-On. Ellul kif ukoll jekk saritx id-due diligence dovuta min-naħa tal-Ministeru mmexxi mill-Ministru Owen Bonnici.*

2. L-ilment huwa anness ma' dan ir-rapport bħala d-**Dokument A**, u t-tweġiba għar-risposta parlamentari li rrefera għaliha l-Ilmentatur hija annessa bħala d-**Dokument A1**.

3. L-għada, 31 ta' Ottubru 2023, l-Ilmentatur reġa' kiteb lil dan l-Uffiċċju biex josserva li wara li ssottometta l-ilment tiegħu, ir-risposta għall-mistoqsija parlamentari ġiet ikkoreġuta billi minflok "Lex Group Ltd" saret tirreferi għal "Lex Group Legal". Dan il-messaġġ huwa anness bħala d-**Dokument B**.

**Il-Kuntest**

4. Fil-25 ta' Settembru 2023, l-Onor. Dr Paula Mifsud Bonnici intavolat il-mistoqsija parlamentari numru 11,465 tal-erbatax-il leġiżlatura. Hija talbet lill-Onor. Dr Owen Bonnici, Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali, jgħid min huma l-konsulenti legali tal-ministeru tiegħu u ta' kull bord u entità li taqa' taħt il-ministeru. Hija talbet lill-Ministru jgħid ukoll kemm ilu mqabbad kull konsulent u kemm qed jitħallas.

5. Il-Ministru Bonnici wieġeb din il-mistoqsija fit-3 ta' Ottubru 2023. Fost oħrajn, it-tweġiba qalet li "*Lex Group Ltd – Legal Entity*" kienet qed tipprovdi konsulenza legali lill-Fondazzjoni Ċentru Kreattività. It-tweġiba qalet li din id-ditta ġiet imqabbda għal perjodu ta' sena mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2023, u kienet qed titħallas €800 fix-xahar (ara d-Dokument A1).

6. Fit-30 ta' Ottubru 2023, waqt is-seduta tal-Parlament ta' dakinhar filgħaxija, il-Ministru Owen Bonnici qiegħed fuq il-mejda tal-Kamra tweġiba kkoreġuta għall-istess mistoqsija parlamentari.[1] Skont it-tweġiba kif ikkoreġuta, id-ditta "*Lex Group Legal*" kienet ġiet imqabbda biex tipprovdi

[1] Ara https://parlament.mt/en/paper-laid/?id=38282.

konsulenza legali lill-Fondazzjoni Ċentru Kreattività għal perjodu ta' tliet snin mit-2 ta' April 2022 sal-31 ta' Marzu 2025.

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni**

7. Is-sottoskritt deherlu li dan l-ilment kien jimmerita indaġni safejn jittratta dwar is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul. Id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta), huma dawn li ġejjin:

> *7.2 Malli jinħatar, Ministru hu mistenni li ma jkomplix bix-xogħol privat tiegħu u għandu jiddedika l-ħin kollu tiegħu għal xogħol tal-Gvern. Dan sakemm il-Kabinett ma jiddeċidix mod ieħor f'każi eċċezzjonali fejn l-interess nazzjonali jkun jinħtieġ hekk.*
>
> *8.1 Il-Ministri għandhom jassiguraw li ma jkun hemm l-ebda konflitt bejn id-doveri pubbliċi u l-interessi privati tagħhom, finanzjarji jew ta' xorta oħra, u hija r-responsabbiltà personali ta' kull Ministru individwalment li jiddeċiedi jekk u x'għandu jsir biex ma jkunx hemm dan it-tip ta' konflitt ta' interess. B'dan illi f'każ li tkun meħtieġa direzzjoni mill-Prim Ministru dwar l-eżistenza ta' konflitt ta' interess, dik id-deċiżjoni tkun finali. Il-prinċipju ġenerali huwa illi jew Ministru jiddisponi minn dan l-interess jew jieħu miżuri alternattivi biex jipprevjenih.*

8. L-Ilmentatur talab ukoll investigazzjoni dwar jekk saritx "*id-due diligence dovuta*" min-naħa tal-ministeru tal-Onor. Owen Bonnici, iżda kwalunkwe due diligence li kellha ssir ma tistax titqies risponsabbiltà personali tal-Ministru Bonnici. Dan l-Uffiċċju m'għandux ġurisdizzjoni fuq impjegati pubbliċi tal-gvern jew ta' entitajiet pubbliċi. Għalhekk din it-talba tal-Ilmentatur ma tistax tintlaqa'.

9. Is-sottoskritt josserva li jekk il-Ministru Bonnici ikkoreġa tweġiba żbaljata għal mistoqsija parlamentari, huwa qeda l-obbligu tiegħu skont il-paragrafu 9.3 tal-kodiċi ta' etika ministerjali. Fi kwalunkwe każ it-tweġibiet għall-mistoqsijiet parlamentari huma materja li taqa' taħt l-Ispeaker.

**Indaġni Preliminari**

10. Irriżulta mill-indaġni preliminari ta' dan l-Uffiċċju li d-ditta Lex Group Ltd hija kumpanija reġistrata bin-numru C 88277. L-Onor. Dr Ellul huwa azzjonist

tagħha. Kien ukoll direttur u rappreżentant legali, iżda rreżenja minn dawn il-karigi b'effett mill-4 ta' Jannar 2022. Ftit ġranet wara, fl-10 ta' Jannar 2022, huwa ġie co-opted fil-Parlament.

11. Fil-11 ta' Jannar 2024, dan l-Uffiċċju kiteb lill-Onor. Andy Ellul sabiex jirriferilu l-ilment, jitolbu l-veduti tiegħu dwaru, u jistaqsih:

> 1. *Liema entità/ditta/kumpannija ngħatat il-kuntratt in kwistjoni, u tipprovdili dokumentazzjoni in sostenn tar-risposta tiegħek;*
>
> 2. *X'inhi r-relazzjoni bejn il-kumpannija Lex Group Limited u d-ditta legali Lex Group Legal?;*
>
> 3. *Jekk illum il-ġurnata hemm ftehim (inkluż ftehim finanzjarju), arranġament, jew kwalunkwe relazzjoni oħra bejnek u d-ditta legali Lex Group Legal, li tagħha kont Managing Partner qabel ma sirt Segretarju Parlamentari.*

12. L-Onor. Ellul wieġeb permezz ta' ittra datata 8 ta' Frar 2024 (kopja annessa bħala d-**Dokument Ċ**). Huwa qal li Lex Group Legal (mhux Lex Group Ltd) qed tipprovdi servizzi legali lill-Fondazzjoni Ċentru Kreattività, u hu m'għandu ebda rabta magħha. Lex Group Legal hija sempliċiment brand name li diversi avukati inkluż hu kienu jużaw biex jassoċjaw ruħhom, u ma hemm ebda kumpanija jew partnership b'dan l-isem. Qal li illum il-ġurnata dan l-isem jintuża minn avukati oħra u hu m'għadx għandu x'jaqsam miegħu. Huwa waqaf jipprattika ta' avukat malli sar membru tal-Kabinett.

13. Fir-rigward tal-kumpanija Lex Group Ltd, l-Onor. Ellul qal li huwa kien waqqafha u inkorporaha, u oriġinarjament kien direttur maniġerjali tagħha kif ukoll azzjonist, iżda fl-4 ta' Jannar 2022 rriżenja minn direttur għalkemm baqa' azzjonist. Qal li din il-kumpanija ma toffrix servizzi lill-gvern jew lil xi entità tal-gvern, u qatt ma ħarġet invoices jew irċeviet ħlasijiet mingħand il-gvern jew xi entità tal-gvern. Qal li m'hemm ebda ftehim, arranġament jew relazzjoni oħra bejn Lex Group Legal u Lex Group Ltd.

## Investigazzjoni Formali

14. Is-sottoskritt deherlu li kellu jiġbor aktar provi f'dan il-każ. L-Onor. Ellul ġie mitlub jixhed u saret seduta għal dan il-għan fit-18 ta' Marzu 2024 (traskrizzjoni tax-xhieda annessa bħala d-**Dokument D**). Fost affarijet oħra huwa qal hekk fir-rigward tal-kumpanija Lex Group Ltd:

[...] *fl-ewwel law firm li kelli jiena, kont business partner ma' avukat ieħor, u mbagħad ovvjament kif jiġri bħal ma jiġri ma' ħafna avukati, xi 2016, aħna we split u kullħadd waqqaf il-firm tiegħu, tajjeb? U jiena ħriġt bl-idea ta' Lex Group. Lex għax il-liġi tidħol kullimkien dik hija. U, fosthom, waqqaft kumpanija Lex Group Limited. Jien xtaqt ninvolvi, nibda' ninvolvi ruħi f'konsulenza, u allura waqqaft din il-kumpanija Lex Group Limited, illi jiena kont hundred percent shareholder u għadni sal-lum, u sole director, tajjeb? Kumpanija żgħira. X'ħin ġejt infurmat li ħa nkun co-opted, jien irriżenjajt minn direttur, però żammejt ix-shares. Ovvjament il-kumpanija la tagħti servizzi lill-gvern* [...]*, la ħarġet invoices lil xi dipartiment jew lill-gvern innifsu, lanqas irċiviet ħlas, tajjeb, iġifieri il-kumpanija qiegħda hemm.*[2]

15. Fir-rigward tad-ditta legali Lex Group Legal, l-Onor. Ellul qal:

*Lex Group Legal kienet brand name li jiena assoċjajt ruħi miegħu. Team ta' avukati, at one point in time, kien hemm numru ta' avukati, kollha nużaw l-istess isem, li kont inkun nieħu ħsiebu jien, tajjeb, ma kienx hemm forma ta' partnership u lanqas kumpanija. Kien isem u jien stajt nittrejdja "Ellul Legal" jew kif kont qabel "Micallef and Ellul", aħna konna.*

[...] *jiena meta ġejt co-opted, jien, qabel ma ħadt il-ġurament bħala Segretarju Parlamentari, jien mill-ewwel bdejt niddiżassoċja ruħi minn dan ix-xogħol, ma ridtx nibqa' nagħmel, għamilt ħmistax-il sena nipprattika,* [...]*, u ridt nibda xi ħaġa ġdida mhux nibqa' ninvolvi ruħi* [...] *u Lex Group Legal, jiena ħriġt minnu, ovvjament kien hemm perjodu fejn, għax jiena kelli ħmistax il-sena klijentela, iġifieri rajt illi jkun hemm transition, għax ma stajtx inċempillhom filgħodu, jien ma kontx naf li nkun Segretarju Parlamentari, ma stajtx inċempillhom filgħodu ngħidilhom, isma jien ara x'ħa tagħmlu ta, iġifieri kien hemm transition fejn rajt illi kollox, it phases out, jien m'għandix x'naqsam mal-operat ta' Lex Group Legal, hemm avukati oħrajn jieħdu ħsiebha, ma nindaħlilhomx xi klijenti jagħżlu li jassistu, jew ma jassistux, iġifieri biċċa tagħhom, u jien m'għandix x'naqsam.*[3]

---

[2] Dokument D, linji 11–22.

[3] Dokument D, linji 22–27 u 39–50.

16. Mistoqsi dwar l-uffiċċju ta' Lex Group Legal, l-Onor. Ellul qal li kienet u għadha topera minn uffiċċju li huwa tiegħu.[4]

17. Fir-rigward tat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari, l-Onor. Ellul qal:

> *Issa meta ġiet risposta l-ewwel PQ, Saint James Cavalier, jew Fondazzjoni Spazzju Kreattività, qalu Lex Group Limited, "Legal Entity", illi ovvjament xegħlet bozza, għax jien hundred percent shareholder, mela allura qed jibbenefika indirettament u bnew din l-istorja. Però, il-Ministru Owen Bonniċi mar fil-Parlament u ikkoreġiha, qal isma' din, u eżebixxa, m'għandix dubju li li anka intom rajtuha, illi it's not the company, it's the Lex Group Legal illi għandha il-kuntratt. U fil-fatt il-kuntratt beda' wara li ħadna l-ġurament. Jien kont inqtajt kompletament. Ovvjament jien m'għandix kopja – m'għandix viżibilità ta' dan il-kuntratt, lanqas irrid ikolli, għax ma ridtx ikolli x'naqsam ma' operat.*[5]

18. Mistoqsi jikkonferma li m'hemmx xi arranġament bejn Lex Group Ltd u Lex Group Legal, l-Onor. Ellul qal:

> *Onestament ma nafx, jien ma ninvolvix ruħi fl-operat, iġifieri jekk b'xi mod għamlu xi arranġament bejniethom, jien ma nistax, ma nistax nikkonferma. Ma nistax nimmaġina x'arranġament jista' jkun hemm. Il-kumpanija* [Lex Group Ltd] *fil-verità tittrejdja ftit, toffri xi servizzi żgħar, jiġifieri milli nista' nifhem lanqas – We are talking within a couple of hundreds a month, mhux, ma baqgħetx tagħti advisory kif kienet qabel, meta kont involut jien.*[6]

19. Fit-22 ta' Marzu 2024, dan l-Uffiċċju ħarrek separatament lis-Sur Kevin Mahoney, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, u s-Sur Rupert Cefai, Chairman tal-Fondazzjoni Ċentru għall-Kreattività, biex jibagħtu kwalunkwe korrispondenza miżmuma minnhom dwar l-ingaġġ ta' kumpanija, ditta legali jew entità biex tipprovdi konsulenza legali lill-Fondazzjoni skont kif indikat fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari nru 11,465 u l-korrezzjoni għall-istess tweġiba.

---

4 Dokument D, linji 190–197.

5 Dokument D, linji 81–91.

6 Dokument D, linji 139–144.

20. Is-Sur Mahoney u s-Sur Cefai wieġbu permezz ta' ittri simili datati 15 ta' April 2024 (kopji annessi bħala d-**Dokumenti E u F**). Huma annettew kopja ta' kuntratt datat 2 ta' April 2022 bejn is-Sur Edward Zammit f'isem il-Fondazzjoni (dak iż-żmien imsejħa St James Cavalier) u Dr Christian Camilleri bħala rappreżentant ta' Lex Group Legal (annessa bħala d-**Dokument FCK1**). Fl-ittri rispettivi tagħhom qalu li l-ministeru u l-Fondazzjoni ma jżommu ebda korrispondenza fir-rigward tal-ingaġġ apparti l-ftehim innifsu.

21. Is-Sur Mahoney u s-Sur Cefai ikkonfermaw ukoll li fir-risposta għall-interpellanza parlamentari in kwistjoni, id-ditta legali Lex Group Legal ġiet erronjament indikata bħala Lex Group Limited.

**Konsiderazzjonijiet**

22. Jirriżulta li l-Fondazzjoni Ċentru għall-Kreattività ingaġġat lil Lex Group Legal, mhux Lex Group Ltd, biex tipprovdi konsulenza legali. L-aqwa prova ta' dan huwa appuntu l-kuntratt.

23. Mid-depożizzjoni tal-Onor. Ellul jirriżulta li Lex Group Legal huwa isem ta' grupp ta' avukati li baqgħu jużaw l-istess uffiċini iżda li huwa m'għadux jifforma parti minnhom. L-Onor. Ellul għadu azzjonist tal-kumpanija Lex Group Ltd, iżda din mhix involuta fil-ftehim mal-Fondazzjoni u skont ix-xhieda tal-Onor. Ellul ma tagħti ebda servizzi lill-gvern jew lil xi entità tal-gvern.

**Konklużjoni**

24. Għaldaqsant l-esponent jikkonkludi li ma jirriżulta ebda ksur ta' etika da parti tas-Segretarju Parlamentari Andy Ellul u l-ilment mhux ġustifikat.

25. Kopji ta' dan ir-rapport se jintbagħtu lill-Ilmentatur, lis-Segretarju Parlamentari Andy Ellul, u lill-Kumitat tal-Parlament għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni tiegħu. Kopja se titqiegħed ukoll fuq il-website ta' dan l-Uffiċċju.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Email datata 30 ta' Ottubru 2023 mingħand il-Prof. Arnold Cassola. |
| Dokument A1 | Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari nru 11,465 tal-erbatax-il leġiżlatura, kif mogħtija fit-3 ta' Ottubru 2023. |
| Dokument B | Email datata 31 ta' Ottubru 2023 mingħand il-Prof. Cassola. |
| Dokument Ċ | Ittra datata 8 ta' Frar 2024 mingħand is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul. |
| Dokument D | Traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija mill-Onor. Dr Andy Ellul fit-18 ta' Marzu 2024. |
| Dokument E | Ittra datata 15 ta' April 2024 mingħand is-Sur Kevin Mahoney, Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali. |
| Dokument F | Ittra datata 15 ta' April 2024 mingħand is-Sur Rupert Cefai, Chairman, Fondazzjoni Ċentru għall-Kreattività. |
| Dokument FCK1 | Ftehim datat 2 ta' April 2022 bejn il-Fondazzjoni Ċentru għall-Kreattività u Lex Group Legal. |

DOKUMENT A

**Email datata 30 ta’ Ottubru 2023 mingħand il-Professur Arnold Cassola**

Talba investigazzjoni Segretarju Parlamentari, Andy Ellul

Għażiż Kummissarju Azzopardi,

Il-Kodiċi ta' Etika Ministerjali jipprojbixxi li Ministri u Segretarji Parlamentari jagħmlu xogħol ieħor għajr dak marbut mal-funzjoni istituzzjonali tagħhom. Iridu jaħdmu full time u eslussivament bħala membri tal-Eżekuttiv.

Mir-risposta għall-Mistoqsija Parlamentari 11465 tal-25 ta' Settembru 2023 joħroġ li l-Kumpanija Lex Group Ltd ingħatat konsulenza mill- Fondazzjoni Ċentru Kreattivita' ta' 800 ewro fix-xahar, minn Jannar sa Diċembru 2023.
Is-sid ta' din il-Kumpannija huwa l-Avukat Andy Ellul, illum Segretarju Parlamentari full time.

Dan il-kuntratt ingħata meta l-ON Ellul kien diġa' fil-kariga ta' Segretarju Parlamentari, fi ħdan l-Uffiċċju ta' Prim Ministru.

Jidhirli li l-għoti u l-aċċettazzjoni ta' dan il-konsulenza da parti tad-ditta legali ta' proprjeta' tas-Segretarju Parlamentari Ellul tikkostitwixxi ksur serju ta' etika min-naħa tal-On. Ellul u tikkonferma l-klima ta' impunita' li armaj rabbiet l-għeruq fost il-klassi diriġenti politika ta' pajjiżna.

Nitolbok għalhekk tinvestiga l-imġiba tal-On. Ellul kif ukoll jekk saritx id-due diligence dovuta min-naħa tal- Ministeru mmexxi mill-Ministru Owen Bonnici.

Annessa: ir-risposta għall-PQ.

Tislijiet,

Arnold Cassola

DOKUMENT A1

House of Representatives - Parliamentary Questions Website

PARLAMENT TA' MALTA

**Leġiżlatura**
XIV
**Kategorija**
ORAL
**Mistoqsija Numru:**
11465
**Data:**
25/09/2023
**Seduta:**
150 - 03/10/2023 04:00 PM
**Seduta *Interim*:**
-
**Titlu:**
Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali - Konsulenti legali

**L-Onorevoli PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Onorevoli OWEN BONNICI (Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali):**
Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10718 u jgħid min huma l-konsulenti legali li jagħtu konsulenza lill-Ministeru tiegħu? Jista' jgħid ukoll min huma l-konsulenti legali ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Għal kull każ, jista' jgħid minn meta ilhom jagħtu din il-konsulenza legali u kemm jitħallsu għaliha?

**Tweġiba:**
L-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| Entità/Board | Konsulenti Legali | Kemm ilhom | Remunerazzjoni |
|---|---|---|---|
| MICAS | Dr Jeanine Rizzo | 1 t'April 2021 | Monthly retainer ta' €400 (excl VAT) |
| VCA | Dr. Matthew Paris | 3 ta' Jannar 2020 | Il-hlas huwa ta' €14.42 (excl. vat) kull siegħa |
| Heritage Malta | Dr Dustin Camilleri | 25 ta' Lulju 2018 | €60 fis-siegha |
| | Lia & Aquilina Advocates | 29 t'Awwissu 2018 | Is-servizz mgħoti jithallas b'rata li tvarja skond i r-responsabiltà relatata mal-kawża inkwistjoni. Fit-28 ta' Settembru 2022 ġie iffirmat kuntratt bejn Heritage Malta u Lia & Aquilina Advocates li fih jindika r-retainer fee ta' €8,900 għas-servizz mogħti minn Lia & Aquilina Advocates f'sena. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Festivals Malta | Dr. Ryan Christopher Pace | 01 ta’ Lulju 2023 | €16,800 fis-sena |
| DCS | 360 Legal | 30.02.2020 sa 29.08.2021 | 45 fis-siegħa (il-ħlas ma jaqbiżx is-somma ta' €10,000) |
| | 360 Legal | 30.08.2021 sa 29.08.2022 | 45 fis-siegħa (il-ħlas ma jaqbiżx is-somma ta' €10,000) |
| | 360 Legal | 30.08.2022 sa 29.08.2023 | 45 fis-siegħa (il-ħlas ma jaqbiżx is-somma ta' €10,000) |
| | Dr Antoine Vassallo | 15.12.2022 sa 14.12.2023 | 19 fis-siegħa (il-ħlas ma jaqbiżx is-somma ta' €9,880) |
| Teatru Manoel | Dr Andrew Grima | 14 ta’ Novembru 2022 | €833.33 fix-xahar |
| Malta Philharmonic Orchestra | Borg and Associates | Jannar tas-sena 2017 | L-ammonti mhallsa ghal dawn is-servizzi mis-sena 2017 jammontaw ghal €4,178.20 |
| Kunsill tal-Ilsien Malti | Dr Claire Bonello | Awwissu 2023 | Dan qed jingħata bla ħlas. |
| PBS | Il-Public Broadcasting Services Ltd. taghmel użu ad hoc minn ditti ta' servizzi legali skont il-każ | NIL | NIL |
| Fondazzjoni Centru Kreattivita | Lex Group Ltd - Legal Entity | 1 ta’ Jannar 2023 sal-31 ta’ Diċembru 2023 | €800.00 fix-xahar |
| SCH | Dott. Jeanine Rizzo | Kuntratt ta’ tlett snin validu minn 2023 sa 2025 | €35 fis-siegħa (excl VAT) sa massimu ta’ 20 siegħa fil-ġimgħa |

**Dokumenti annessi mal-mistoqsija:**

**Dokumenti mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra:**

**Dokumenti annessi mar-risposta:**

L-aħħar bidla: 3/10/2023 16:39:06 - PQ ID B2D5623AB9C52966C1258A3500373ADF

DOKUMENT B

**Email datata 31 ta' Ottubru 2023 mingħand il-Professur Arnold Cassola**

Ghaziz Kummissarju Azzopardi,

Wara xahar, u wara li rrappurtatajt lilek, il-Ministru 'lbierah filghaxija mar ibiddel il-kontenut tar-risposta tal-PQ.

Dina x'serjeta' hi?

Hekk għandu jġib ruħu Ministru fil-konfront tal-Parlament?
Annessa l-Press Release tiegħi.

Tislijiet,

Arnold Cassola

**Il-Kontenut tal-istqarrija jinsab hawn taħt:**

Andy Ellul company: has the Minister misled parliament?

In an answer to a parliamentary question of 29 September last, Minister Owen Bonnici said that Andy Ellul's
company, Lex Group Ltd was awarded a consultancy.

I reported this conflict of interest to the Commissioner for Standards yesterday morning, 30 October.

Following my report, yesterday evening the PQ answer was changed by the authorities.

Anbracadabra, Lex Group Ltd was changed to Lex Group Legal.
What games are we playing here?

Why was this changed after I pointed it out?

Did the Minister mislead with his answer?

Arnold Cassola
Independent candidate

DOKUMENT Ċ

GVERN TA' MALTA
SEGRETARJU PARLAMENTARI
GĦAD-DJALOGU SOĊJALI

8 ta' Frar 2024

**Lill-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

Għażiż Kummissarju, Prim Imħallef Emeritus,

Nirreferi għall-ittra tiegħek datata l-11 ta' Jannar 2024 inkonnessjoni mal-investigazzjoni li l-uffiċċju tiegħek intalab jagħmel minn Arnold Cassola b'referenza għall-ilment numru 170 *"dwar l-għoti ta' direct order lill-kumpannija tiegħek Lex Group Limited"*.

Kif se nispjega iktar l-isfel l-allegazzjonijiet ta' Cassola huma bla bażi u fl-ebda ħin jien ma ksirt jew mort kontra l-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari.

Nibda biex nagħmel referenza għaż-żewġ dispożizzjonijiet, u cioe' 7.2 u 8.1 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari (Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta), li għal fini ta' kjarezza qiegħed nikkwota:

> 7.2. Malli jinħatar, Ministru hu mistenni li ma jkomplix bix-xogħol privat tiegħu u għandu jiddedika l-ħin kollu tiegħu għal xogħol tal-Gvern. Dan sakemm il-Kabinett ma jiddeċidix mod ieħor f'każi eċċezzjonali fejn 1-interess nazzjonali jkun jinħtieġ hekk.
>
> 8.1 Il-Ministri għandhom jassiguraw li ma jkun hemm l-ebda konflitt bejn id-doveri pubbliċi u 1-interessi privati tagħhom, finanzjarji jew ta' xorta oħra, u hija r-responsabbiltà personali ta' kull Ministru individwalment li jiddeċiedi jekk u x'għandu jsir biex ma jkunx hemm dan it-tip ta' konflitt ta' interess. B'dan illi f'każ li tkun meħtieġa direzzjoni mill-Prim Ministru dwar 1-eżistenza ta' konflitt ta' interess, dik id-deċiżjoni tkun finali.

Hawn 'isfel qiegħed nagħti risposta b'mod kronoloġiku għal kull tweġiba li qed isirli mill-uffiċċju tiegħek, fejn joħroġ b'mod ċar li mhemm l-ebda ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija u kif l-allegazzjonijiet huma fiergħa u bla bażi.

**Tweġiba għall-mistoqsijet, hawn riprodotti, mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.**

1. Liema entita' / ditta / kumpanija ngħatat il-kuntratt in kwistjoni, u tipprovdili dokumentazzjoni in sostenn tar-risposta tiegħek;

Ir-risposta hija ċara: L-ebda entità li għandha x'taqsam miegħi.

Għalhekk se nirreferi għall-informazzjoni pubblika li teżisti biex inwieġeb din id-domanda.

Skont it-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11465 li ngħatat fis-seduta tat-3 t'Ottubru 2023 (Dok. A), waħda mid-ditti legali indikati bħala li tipprovdi servizzi legali lill-Fondazzjoni Ċentru Kreattivita' hija Lex Group Legal. Din it-tweġiba kienet qed tikkoreġi żball għat-tweġiba għall-istess mistoqsija parlamentari li kienet ingħatat fil-25 ta' Settembru 2023 (Dok. B).

Intant, ma jien f'pożizzjoni li nipprovdi ebda dokumentazzjoni ulterjuri għal din it-tweġiba, għax mgħandi ebda rabta ma' Lex Group Legal.

Fil-fatt, il-kuntratt li għalih issir referenza fit-tweġiba parlamentari (Dok. A) jindika dati fejn jien ma kontx għadni involut.

2. **<u>X'inhi r-relazzjoni bejn il-kumpanija Lex Group Limited u d-ditta legali Lex Group Legal?;</u>**

Lex Group Limited hija kumpanija li jien kont waqqaft u inkorporajt u li hija reġistrata

skont il-liġi. Meta twaqqfet kont kemm Direttur Maniġerjali kif ukoll azzjonist ta' din il-kumpanija.

Fl- **4 ta' Jannar 2022**, proprju sitt ijiem qabel ma' ġejt co-opted u ħadt il-ġurament bħala membru parlamentari fl-**10 ta' Jannar 2022**, jien kont irriżenjat minn Direttur tal-kumpanija u bqajt azzjonist sallum il-ġurnata. Qed nannetti dokument (Dok. C) li jindika li jien irriżenjajt minn Direttur fid-data li indikajt. Saħansitra dan hu qabel jien sirt membru tal-Kabinett wara l-elezzjoni ta' Marzu 2022 .

Irrid nisħaq, li mill-10 ta' Jannar 2022 sallum il-ġurnata, il-kumpanija Lex Group Limited la ħarġet invoices li xi entita tal-Gvern kwalsiasi jew lil Gvern innifsu, u wisq anqas irċeviet xi ħlasijiet f'dan ir-rigward. Il-kumpanija la toffri servizzi lil xi entita' tal-Gvern kwalsiasi u lanqas lill-Gvern innifsu.

Fil-każ ta' Lex Group Legal dan huwa isem li diversi avukati, inkluż jien, konnha nużaw biex nassoċjaw ruħna ma' *brand name*. Ma kien hemm l-ebda forma ta' kumpanija jew partnership reġistrata taħt l-isem Lex Group Legal.

Illum il-ġurnata dan l-isem jintuża minn Avukati oħra, u jien m'għandi x'naqsam xejn mal-operat tagħha, xi klijenti jagħżlu jew ma jagħżlux li jassistu jew fliema oqsma tali Avukati jiddeċiedu li jipprattikaw.

Inżid iktar minn hekk li jien waqaft nippratika ta' avukat mal-mument li sirt membru tal-Kabinett, kif jitlob il-Kodiċi tal-Etika.

3. **Jekk illum il-ġurnata hemm ftehim (inkluż ftehim finanzjarju), arrangament, jew kwalunkwe relazzjoni oħra bejnek u d-ditta legali Lex Group Legal, li tagħha kont Managing Partner qabel ma' sirt Segretarju Parlamentari.**

M'hemm ebda ftehim, arranġament jew relazzjoni oħra, u spjega dettaljata ingħatat iktar 'il fuq.

Qiegħed nannetti wkol bħala Dok. 'D' ir-reazzjoni medjatika tiegħi għar-rapport tal-Prof Arnold Cassola.

Għalhekk l-ilment għandu jiġi miċħud.

Daqstant għandi x'nissottometti lill-wisq rispettat Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Inselli Għalik

Andy Ellul

Dok 'A'

Korrezzjoni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 11465 li ngħatat fis-seduta 150 tat-3/10/2023, qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-kamra l-informazzjoni korretta.

| Entità/Board | Konsulenti Legali | Kemm ilhom | Remunerazzjoni |
|---|---|---|---|
| MICAS | Dr Jeanine Rizzo | 1 t'April 2021 | Monthly retainer ta' €400 (excl VAT) |
| VCA | Dr. Matthew Paris | 3 ta' Jannar 2020 | Il-hlas huwa ta' €14.42 (excl. vat) kull siegħa |
| Heritage Malta | Dr Dustin Camilleri | 25 ta' Lulju 2018 | €60 fis-siegha |
| | Lia & Aquilina Advocates | 29 t'Awwissu 2018 | Is-servizz mgħoti jithallas b'rata li tvarja skond i r-responsabiltà relatata mal-kawża inkwistjoni. Fit-28 ta' Settembru 2022 ġie iffirmat kuntratt bejn Heritage Malta u Lia & Aquilina Advocates li fih jindika r-retainer fee ta' €8,900 għas-servizz mogħti minn Lia & Aquilina Advocates f'sena. |
| Festivals Malta | Dr. Ryan Christopher Pace | 01 ta' Lulju 2023 | €16,800 fis-sena |
| DCS | 360 Legal | 30.02.2020 sa 29.08.2021 | 45 fis-siegħa (il-ħlas ma jaqbiżx is-somma ta' €10,000) |
| | 360 Legal | 30.08.2021 sa 29.08.2022 | 45 fis-siegħa (il-ħlas ma jaqbiżx is-somma ta' €10,000) |
| | 360 Legal | 30.08.2022 sa 29.08.2023 | 45 fis-siegħa (il-ħlas ma jaqbiżx is-somma ta' €10,000) |
| | Dr Antoine Vassallo | 15.12.2022 sa 14.12.2023 | 19 fis-siegħa (il-ħlas ma jaqbiżx is-somma ta' €9,880) |
| Teatru Manoel | Dr Andrew Grima | 14 ta' Novembru 2022 | €833.33 fix-xahar |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Malta Philharmonic Orchestra | Borg and Associates | Jannar tas-sena 2017 | L-ammonti mhallsa ghal dawn is-servizzi mis-sena 2017 jammontaw ghal €4,178.20 |
| Kunsill tal-Ilsien Malti | Dr Claire Bonello | Awwissu 2023 | Dan qed jingħata bla ħlas. |
| PBS | Il-Public Broadcasting Services Ltd. taghmel użu ad hoc minn ditti ta' servizzi legali skont il-każ | NIL | NIL |
| Fondazzjoni Centru Kreattivita | Lex Group Legal | 2 ta' April 2022 sal-31 ta' Marzu 2025 | €800.00 fix-xahar |
| SCH | Dott. Jeanine Rizzo | Kuntratt ta' tlett snin validu minn 2023 sa 2025 | €35 fis-siegħa (excl VAT) sa massimu ta' 20 siegħa fil-ġimgħa |

**House of Representatives - Parliamentary Questions Website**

PARLAMENT TA' MALTA

DOK 'B'

**Leġiżlatura**
XIV
**Kategorija**
ORAL
**Mistoqsija Numru:**
11465
**Data:**
25/09/2023
**Seduta:**
150 - 03/10/2023 04:00 PM
**Seduta *Interim*:**
-
**Titlu:**
Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali - Konsulenti legali

**L-Onorevoli PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Onorevoli OWEN BONNICI (Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali):**
Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10718 u jgħid min huma l-konsulenti legali li jagħtu konsulenza lill-Ministeru tiegħu? Jista' jgħid ukoll min huma l-konsulenti legali ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Għal kull każ, jista' jgħid minn meta ilhom jagħtu din il-konsulenza legali u kemm jitħallsu għaliha?

**Tweġiba:**
L-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| Entità/Board | Konsulenti Legali | Kemm ilhom | Remunerazzjoni |
|---|---|---|---|
